**Mater Boni Consilii School**
**Paola**

Għeżież Ġenituri,

Il P.T.A tal-iskola ser torganizza titjira edukattiva għall-istudenti flimkien mal-Air Malta. Ġenituri,ħbieb u aħwa huma mistidnin wkoll. Din it-titjira hi skedata li ssir fl-4 ta' Jannar 2011 fl-10.30 ta' filgħodu. Se ntiru lejn Ragusa, qrib l-Etna u l-gżejjer Maltin. Kull seat fuq l-ajruplan se jkun jiswa €50 u dan se jkopri t-titjira ta' siegħa u nofs, miżata tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u 'snack' li l-passiġġieri kollha jingħataw. Niltaqaw llkol fl-ajruport filgħodu. Għanda tkun esperjenza sabiħa għal kulħadd specjalment min qatt ma rikeb ajruplan. Ikun rigal idejali għal zmien il-Milied ghax inkunu waqt il vaganzi tal-Milied u l-ewwel tas- sena. Tfal taħt is-sitt snin għandhom ikunu akkumpanjati minn adult.

It-tfal u passiġġieri ta' inqas minn sittax-il sena ma jkollhomx bżonn ta' passaport imma ittra ta' kunsens – mogħtija mill-iskola f'isem l-Air Malta lil dawk li jkunu se jattendu - iffirmata mill-ġenituri jew kustodji li jieħdu ħsiebhom. Fejn ikun hemm każijiet li mhux possibbli li ż-żewġ ġenituri jiffirmaw din l-ittra ta' kunsens, jekk jogħġobkom għaslu wasla sal-iskola ħa ngħidulkom x'tistgħu tagħmlu. Ma' din l-ittra tridu tippreżentaw ukoll ritratt riċenti 'passport size' tat-tifel/tifla. Passiġġieri ta' 'l fuq minn sittax-il sena jkollhom bżonn jew il-Karta tal-Identita' jew il-Passaport. Jekk passiġġier ikun se jippreżenta l-Karta tal-Identita', dan għandu jara li jġedded din il-karta fl-Uffiċċju tal-Karti tal-Identita' fl-*Ex-Evans Laboratories* fil-Belt Valletta.

Kif naħseb li tafu, aħna nikrgħu ajruplan sħiħ – dan ifisser li nkunu rridu nimlew 180 seat abbord l-ajruplan A320 tal-linja nazzjonali tal-ajru, Air Malta. Minħabba li s-seats huma limitati l-iskola taddotta s-sistema li min jibbukkja l-ewwel jingħata preferenza. Tħallux għall-aħħar biex ma toħorġux diżappuntati. M'aħniex se nkunu norganizzaw din it-titjira waħedna – magħna se jissieħbu numru ta' skejjel oħra.

Seat ikun ibbukkjat meta tħallsu €50 u timlew l-ittra tal-kunsens iffirmata miż-żewġ ġenituri. Passiġġieri li se jakkumpanjaw lit-tfal għandhom jagħtuna isimhom, flimkien mad-data tat-twelid u n-numru tal-karta tal-identita' jew il-passaport (skont x'se jippreżentaw l-ajruport). F'każ li n-numru ma jintlaħaqx il-ħlas jingħata lura b'mod sħiħ lil kull passiġġier. Imma jekk it-titjira tkun se tiġi organizzata u l-pagamenti jgħaddu kollha għand l-Air Malta u l-M.I.A. ma jkunx possibbli li aħna nagħtu xi flus lura lil xi passiġġier li jikkanċella għal xi raġuni jew oħra. Nixtiequ ir-risposta min ghandkhom sa l-erbgħa 27ta' Ottubru 2010.

Inselli ħafna għalikom u nixtieqilkom kull ġid.

Ms. Patricia Mangion

Segretatja PTA